2024/3229

20.12.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3229

tat-18 ta' Ottubru 2024

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' bidliet fuq vjeġġi ta' skart elettriku u elettroniku maqbula skont il-Konvenzjoni ta' Basel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1013/2006 tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjaġġi ta' skart ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(1), il-punt (a), tiegħu,

Billi:

(1) Fil-ħmistax-il laqgħa tagħha li saret f'Ġunju 2022, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel iddeċidiet, permezz tad-Deċiżjoni BC-15/18, li tinkludi entrata ġdida għal skart elettriku u elettroniku perikoluż (entrata A1181) fl-Anness VIII tal-Konvenzjoni ta' Basel, filwaqt li tħassar l-entrata A1180 f'dak l-Anness u żżid entrata ġdida għal skart elettriku u elettroniku mhux perikoluż (entrata Y49) fl-Anness II tal-Konvenzjoni ta' Basel, filwaqt li tħassar l-entrata attwali għal tali skart (entrata B1110) fl-Anness IX tal-Konvenzjoni ta' Basel kif ukoll tħassar l-entrata B4030 fl-Anness IX tal-Konvenzjoni ta' Basel. Dawk il-bidliet se jsiru effettivi fl-1 ta' Jannar 2025.

(2) Jixraq li l-Unjoni, li hija Parti għall-Konvenzjoni ta' Basel, timmodifika l-entrati relatati mal-iskart elettriku u elettroniku fl-Annessi rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 meta jirreferu għall-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Basel.

(3) Fir-rigward tal-esportazzjoni tal-iskart elettriku u elettroniku mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi u l-importazzjoni tal-iskart ta' dan it-tip fl-Unjoni minn pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Annessi III, IV u V tar-Regolament (KE) No 1013/2006 jenħtieġ li jitqiesu l-bidliet fl-Annessi II, VIII u IX tal-Konvenzjoni ta' Basel. B'riżultat ta' dan, mill-1 ta' Jannar 2025, l-esportazzjonijiet mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi li għalihom tapplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Kontroll ta' Movimenti Transkonfinali ta' Skart Destinat għal Operazzjonijiet ta' Rkupru tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi ([2]) (OECD)("id-Deċiżjoni tal-OECD"), u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' skart elettriku u elettroniku skont l-entrata A1181 fl-Anness VIII tal-Konvenzjoni ta' Basel u skont l-entrata Y49 fl-Anness II tal-Konvenzjoni ta' Basel, jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-proċedura ta' notifika u kunsens bil-miktub minn qabel. F'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punti (a) u (b), tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi pprojbita l-esportazzjoni tal-iskart elettriku u elettroniku skont l-entrati A1181 fl-Anness VIII tal-Konvenzjoni ta' Basel u Y49 fl-Anness II tal-Konvenzjoni ta' Basel lejn pajjiżi terzi li għalihom ma tapplikax l-OECD.

(4) Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 jenħtieġ li jibqgħu applikabbli għall-vjeġġi bejn l-Istati Membri ta' skart elettriku u elettroniku mhux perikoluż skont l-entrati GC010 u GC020 sakemm jibqa' japplika l-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 18 jiżgura s-superviżjoni u l-kontroll tal-vjeġġi bil-ħsieb tal-ġestjoni ambjentalment soda tagħhom.

(5) Dan ir-Regolament iqis il-fatt li ma ntlaħaq l-ebda ftehim fl-OECD biex jiġu inkorporati l-emendi għall-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Basel dwar l-iskart elettriku u elettroniku jiġu inkorporati fl-Appendiċijiet tad-Deċiżjoni tal-OECD. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrati GC010 u GC020 fl-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 ma jibqgħux jiġu applikati mill-1 ta' Jannar 2025 għall-esportazzjoni tal-iskart elettriku u elettroniku mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi u għall-importazzjoni ta' tali skart fl-Unjoni minn pajjiżi terzi.

([1]) ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2006/1013/oj?locale=mt.
([2]) OECD/LEGAL/0266.

(6) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(7) Peress li l-bidliet fl-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Basel mhux se jkunu effettivi qabel l-1 ta' Jannar 2025, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita għal dik id-data.

(8) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet kompetenti kif ukoll biex jiġi żgurat approċċ armonizzat għall-implimentazzjoni tal-bidliet introdotti b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet tranżizzjonali li jispeċifikaw li l-kunsens għall-vjeġġi ta' skart elettriku u elettroniku maħruġ qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jibqa' validu sal-1 ta' Jannar 2026 jew sal-iskadenza ta' tali kunsens meta jiskadi qabel dik id-data. Barra minn hekk, in-notifikanti jenħtieġ li sal-1 ta' Frar 2025 jitħallew jaġġornaw notifika li ġiet sottomessa qabel il-31 ta' Diċembru 2024 biex jallinjawha mal-bidliet introdotti b'dan ir-Regolament.

(9) In-notifikaturi jenħtieġ li jitħallew jissottomettu notifiki dwar vjeġġi ta' skart elettriku u elettroniku abbażi tal-entrati l-ġodda diġà qabel l-1 ta' Jannar 2025, sabiex jiġi ffaċilitat it-teħid rapidu tad-deċiżjonijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi III, IV u V tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2025. Madankollu, in-notifikaturi jistgħu diġà qabel dik id-data jissottomettu notifiki dwar vjeġġi ta' skart elettriku u elettroniku skont ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 kif emendat b'dan ir-Regolament.

Fir-rigward ta' vjeġġi ta' skart elettriku u elettroniku kklassifikat taħt l-entrati A1180, B1110, B4030, GC010 jew GC020, jew ta' skart mhux ikklassifikat taħt entrata waħda unika jew fl-Anness III, IIIB jew IV tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, li għalihom awtorità kompetenti tkun tat il-kunsens tagħha qabel l-1 ta' Jannar 2025 ħlief għal vjeġġi ta' skart elettriku u elettroniku mhux perikoluż lejn pajjiżi li għalihom ma tapplikax id-Deċiżjoni tal-OECD, il-kunsens għandu jibqa' validu sal-1 ta' Jannar 2026 jew sal-iskadenza ta' tali kunsens meta dan jiskadi qabel dik id-data.

Meta notifikatur ikun ippreżenta notifika dwar vjeġġi ta' skart ikklassifikat taħt l-entrati A1180, B1110, B4030, GC010 jew GC020 qabel il-31 ta' Diċembru 2024 u l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux ħadu deċiżjoni sa dik id-data, in-notifikatur għandu jitħalla jaġġorna n-notifika biex jallinjaha mar-regoli l-ġodda introdotti b'dan ir-Regolament sal-1 ta' Frar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 fir-rigward ta' bidliet fuq vjeġġi ta' skart elettriku u elettroniku maqbula skont il-Konvenzjoni ta' Basel

L-Annessi III, IV u V tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti I, jitħassar il-punt (e);

(b) fil-Parti II, taħt l-intestatura "Skart ieħor li fih metalli", in-nota f'qiegħ il-paġna li ġejja għandha tiżdied mal-kodiċi GC010:

"(*) l-entrata GC010 għandha tapplika biss għall-iskart ittrasportat fl-Unjoni."

(c) fil-Parti II, taħt l-intestatura "Skart ieħor li fih metalli", in-nota f'qiegħ il-paġna li ġejja għandha tiżdied mal-kodiċi GC020:

"(*) l-entrata GC020 għandha tapplika biss għall-iskart ittrasportat fl-Unjoni.";

(2) L-Anness IV, Parti I huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-entrata A2060 tal-klassifikazzjoni ta' Basel ma għandhiex tapplika u minflok għandha tapplika l-entrata GG040 tal-OECD fil-Parti II tal-Anness III, fejn ikun xieraq.";

(b) jiżdied li punt li ġej:

"(g) Għall-iskart ittrasportat fl-Unjoni, l-entrata Y49 ta' Basel ma għandhiex tapplika u minflok għandhom japplikaw l-entrati GC010 u GC020 fil-Parti II tal-Anness III, fejn xieraq.";

(3) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(i) Fil-Lista A, it-taqsima A1, l-entrata A1180 hija sostitwita b'din l-entrata li ġejja:

"A1181 Skart elettriku u elettroniku (innota l-entrata relatata Y49 fil-Lista A tal-Parti 3 fl-Anness V):

— L-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku

— li fih jew li huwa kkontaminat bil-kadmju, biċ-ċomb, bil-merkurju, bil-komposti organoalogeni jew b'kostitwenti oħra tal-Anness I sal-punt li l-iskart juri karatteristika tal-Anness III, jew

— b'komponent li jkun fih jew li jkun ikkontaminat bil-kostitwenti tal-Anness I sal-punt li l-komponent juri karatteristika tal-Anness III, inkluż iżda mhux limitat għal xi wieħed mill-komponenti li ġejjin:

— ħġieġ minn tubi katodiċi inklużi fil-lista A

— batterija inkluża fil-lista A

— swiċċ, lampa, tubu fluworexxenti jew apparat ta' wiri bir-retroilluminazzjoni li fih il-merkurju

— kapaċitatur li fih il-PCBs

— komponent li fih l-asbestos

— ċerti bordijiet ta' ċirkwiti

— ċerti apparati ta' wiri

— ċerti komponenti tal-plastik li fihom ritardant tal-fjammi bromurat

— Komponenti ta’ skart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku li fihom jew li huma kkontaminati b’kostitwenti tal-Anness I sal-punt li l-komponenti tal-iskart juru karatteristika tal-Anness III, sakemm ma jkunux koperti minn entrata oħra fil-lista A

— Skart li jiġi mill-ipproċessar ta’ skart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku jew komponenti ta’ skart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku, u li jkun fih jew li jkun ikkontaminat b’kostitwenti tal-Anness I sal-punt li l-iskart juri karatteristika tal-Anness III (eż. frazzjonijiet li jirriżultaw minn tqattigħ jew żarmar), sakemm ma jkunx kopert minn entrata oħra fil-lista A”;

(ii) fil-Lista B, it-taqsima B1, titħassar l-entrata B1110;

(iii) fil-Lista B, it-taqsima B4, titħassar l-entrata B4030;

(b) fil-Parti 3, il-Lista A, tiżdied l-entrata Y49 li ġejja:

“Y49 Skart elettriku u elettroniku:

— L-iskart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku

— ma fihx u mhux ikkontaminat bil-kostitwenti tal-Anness I sal-punt li l-iskart juri karatteristika tal-Anness III, u

— fejn l-ebda wieħed mill-komponenti (eż. ċerti bordijiet ta’ ċirkwiti, ċerti apparati ta’ wiri) ma fihom jew ma huma kkontaminati bil-kostitwenti tal-Anness I sal-punt li l-komponent juri karatteristika tal-Anness III

— Komponenti ta’ skart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku (eż. ċerti bordijiet ta’ ċirkwiti, ċerti apparati ta’ wiri) li ma fihomx u li ma humiex ikkontaminati b’kostitwenti tal-Anness I sal-punt li l-komponenti tal-iskart juru karatteristika tal-Anness III, sakemm ma jkunux koperti minn entrata oħra fl-Anness II jew entrata fl-Anness IX

— Skart li jiġi mill-ipproċessar ta’ skart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku jew komponenti ta’ skart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku (eż. frazzjonijiet li jirriżultaw minn tqattigħ jew żarmar), li ma fihx u li mhux ikkontaminat b’kostitwenti tal-Anness I sal-punt li l-iskart juri karatteristika tal-Anness III, sakemm ma jkunx kopert minn entrata oħra fl-Anness II jew entrata fl-Anness IX.”